# A FTEHIM TAR-REĠISTRATUR AKKREDEITAT

EURid vzw

Verżjoni 9.0, 13 ta’ Ottubru 2022

SAMPLE

# Werrej

Kolofon....3
1 DEFINIZZJONIJIET....4
2 IR-RWOL TIEGĦEK BĦALA REĠISTRATUR AKKREDITAT....5
2.1 L-Akkreditazzjoni Tiegħek....5
2.2 Id-drittijiet tiegħek bħala Reġistratur Akkreditat....6
2.3 L-obbligi tiegħek bħala Reġistratur Akkreditat....7
3 IR-RWOL TIEGĦEK BĦALA PROĊESSUR....8
4 MIŻATI U ĦLAS....9
5 DISPOŻIZZJONIJIET TEKNIĊI....10
5.1 Il-Proċedura ta' Reġistrazzjoni....10
5.2 Aċċess għal u użu tas-sistemi tagħna....10
6 TRASFERIMENT....10
7 PERJODU U TERMINAZZJONI....11
7.1 Terminazzjoni tal-mandat tagħna....11
7.2 Ksur tal-kuntratt....11
7.3 Terminazzjoni immedjata....11
7.4 Falliment jew likwidazzjoni....11
8 KONSEGWENZI TA' TERMINAZZJONI....12
9 ASSENJAZZJONI TA' JEDDIJIET U ATTIVITAJIET TA' SOTTOPPROĊESSAR....12
10 INDEMNIFIKAZZJONI....12
11 LIMITAZZJONI TAR-RESPONSABBILTÀ....13
12 MIXXELLANJI....13

# Kolofon

EURid vzw

Telecomlaan 9 1831 Diegem

IL-BELĠJU

RPR Brussel - VAT BE 0864.240.405

Tel. +32 2 401 27 50

info@eurid.eu

https://www.eurid.eu

© Ftehim Tar-Reġistratur Akkredeitat 9.0. (2022)
Dan il-materjal huwa protett bid-drittijiet tal-awtur. Id-drittijiet kollha riżervati.

Ħlief għall-użu intern, l-ebda parti minn dan il-materjal ma tista' tiġi riprodotta u / jew ippubblikata fl-ebda forma jew bl-ebda mezz, elettroniku, mekkaniku, fotokopji, jew b'mod ieħor, mingħajr il-permess bil-miktub minn qabel tal-awtur.

SAMPLE

Dan il-Ftehim tar-Reġistratur Akkreditat (il-"Ftehim") huwa konkluż minn u bejn EURid vzw u (l-isem tar-reġistratur ("int")) u jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-aġir tiegħek bħala reġistratur akkreditat għall-ismijiet ta' dominju .eu u l-varjanti tiegħu fi scripts oħra, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minnhom.

# 1 DEFINIZZJONIJIET

"**Akkreditazzjoni**" tfisser l-għotja tad-dritt u l-obbligu li toffri Servizzi ta' Reġistrazzjoni bħala riżultat tat-tlestija b'suċċess tal-Proċess ta' Akkreditazzjoni.

"**Proċess ta' Akkreditazzjoni**" ifisser l-applikazzjoni tiegħek, l-aċċettazzjoni tagħna tal-applikazzjoni tiegħek u konferma bil-miktub tal-Akkreditazzjoni tiegħek, il-firma tiegħek ta' dan il-Ftehim, il-konformità kontinwa tiegħek ma' dan il-Ftehim u l-pagament tiegħek tal-miżati applikabbli.

"**Reġistratur (akkreditat)" (jew "inti")**" ifisser il-persuna naturali jew l-entità legali li hija akkreditata minna biex tipprovdi Servizzi ta' Reġistrazzjoni lid-Detentur tal-Isem ta' Dominju, direttament jew permezz tar-rivendituri, l-aġenti jew is-sub-kuntratturi tagħha skont dan il-Ftehim.

"**Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-Data**" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/679 tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar ilmoviment liberu ta' tali *data* ("GDPR"), il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, flimkien ma' gwida regolatorja oħra relatata li tirriżulta minn tali leġiżlazzjoni, kif aġġornata minn żmien għal żmien.

"**Kontrollur**" għandha t-tifsira mogħtija lilha fil-GDPR.

"**Isem ta' Dominju**" ifisser isem ta' dominju taħt it-Top Level Domain tal-.eu u l-varjanti tiegħu fi scripts oħra (.ею u .ευ).

"**Ipproċessar Meħtieġ tar-Reġistratur**" ifisser l-ipproċessar tiegħek ta' Data Personali relatata ma' Reġistrant li għalih l-ipproċessar huwa strettament meħtieġ għall-uniċi għanijiet tal-immaniġġjar tal-klijent tiegħek fir-rigward tar-Reġistrant; jew li għalih l-ipproċessar isir f'isem kwalunkwe reġistru ta' ismijiet ta' dominju ieħor; jew li għalih l-ipproċessar huwa strettament meħtieġ għall-forniment tekniku tas-servizzi tiegħek minnek u f'ismek biss.

"**Data Personali**" għandha t-tifsira mogħtija lilha fil-GDPR.

"**Ksur tad-Data Personali**" ifisser ksur tas-sigurtà li jwassal għal qerda, telf, bdil, żvelar mhux awtorizzat ta' jew aċċess, b'mod aċċidentali jew illegali, għal Data Personali trażmessa, maħżuna jew ipproċessata mod ieħor.

"**Ipproċessar**" għandha t-tifsira mogħtija lilha fil-GDPR.

"**Proċessur**" għandha t-tifsira mogħtija lilha fil-GDPR.

"**Registrant"** jew **"Detentur ta' Isem ta' Dominju"** jirreferi għall-persuna naturali jew l-entità legali rrappreżentata minn persuna awtorizzata li taġixxi f'isem tali entità legali, li rreġistrat l-Isem ta' Dominju permezz ta' Reġistratur.

"**Reġistrazzjoni**" tfisser il-jedd mogħti lir-Reġistrant biex juża l-Isem ta' Dominju għal perjodu limitat, li jista' jiġġedded, mingħajr ma jkun hemm trasferiment ta' proprjetà, u suġġett (1) għat-

Termini u Kundizzjonijiet tagħna għall-Ismijiet ta' Dominju tal-.eu, .ею u .ευ u (2) kull dikjarazzjoni, statutorja jew xort'oħra, adottata minn istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tiegħu.

"**Servizzi ta' Reġistrazzjoni**" ifisser is-servizzi ta' reġistrazzjoni, tiġdid, aġġornament, trasferiment jew azzjoni oħra fuq Ismijiet ta' Dominju offruti lir-Reġistranti, u servizzi tekniċi oħra relatati ma' Ismijiet ta' Dominju.

"**Reġistru**" (jew "**aħna**" jew "**lilna**") tfisser l-assoċjazzjoni bla skop ta' lukru EURid vzw (RPR Brussel – VAT BE 0864.240.405 li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha f'Telecomlaan 9, 1831 Diegem, il-Belġju), maħtura mill-Kummissjoni Ewropea bħala l-maniġer tar-reġistru tat-Top Level Domain tal-.eu u l-varjanti tiegħu fi scripts oħra.
"**Regoli**" tfisser il-leġiżlazzjoni, ir-regolamenti u r-regoli kollha (tal-UE) applikabbli għal ismijiet ta' dominju skont l-.eu u l-varjanti tagħha fi scripts oħra, it-Termini u Kundizzjonijiet għall-Ismijiet ta' Dominju tal-.eu, .ею u .ευ, ir-Regoli ADR, il-Politika ta' Privatezza u politiki, regoli u/jew regolamenti applikabbli oħra kif ippubblikati fuq is-sit elettroniku tar-Reġistru https://eurid.eu/.

"**(Dominju) tat-Tieni Livell**" ifisser l-isem fit-tieni livell fil-ġerarkija tas-Sistema ta' Isem tad-Dominju (DNS) direttament taħt TLD, bħal "eurid" f'"www.eurid.eu".

"**Reġistrazzjoni spekulattiva u abbużiva**" tfisser Reġistrazzjoni li hija identika jew simili tant li toħloq konfużjoni għal isem, li fir-rigward tiegħu hemm dritt irrikonoxxut jew stabbilit mid-dritt Komunitarju u/jew nazzjonali u fejn: (a) ġiet irreġistrata mid-detentur tagħha mingħajr ebda dritt jew interess leġittimu; jew (b) ġiet irreġistrata jew qiegħda tintuża b'*mala fede*.

"**(Dominju) tal-Ogħla Livell**" jew "**TLD**" ifisser l-isem fil-quċċata tal-ġerarkija tad-DNS. It-TLD jirreferi għas-sekwenza ta' ittri wara l-aħħar punt ("."), bħal ".eu" f'"www.eurid.eu". Ir-Reġistru jikkontrolla liema Dominji tat-Tieni Livell huma permessi fit-TLD tal-.eu.

# 2 IR-RWOL TIEGĦEK BĦALA REĠISTRATUR AKKREDITAT

## 2.1 L-Akkreditazzjoni Tiegħek

Billi tiffirma dan il-Ftehim jew billi tkompli toffri Servizzi ta' Reġistrazzjoni, inti taqbel li tissodisfa l-kriterji ta' Akkreditazzjoni segwenti u li ser tkompli tissodisfa dawn il-kriterji matul il-perjodu ta' dan il-Ftehim:

2.1.1. Inti tipprovdi prova uffiċjali tan-negozju, skont il-każ:

- isem uffiċjali tal-kumpanija u l-forma legali kif iddikjarati fir-reġistru kummerċjali
- numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija
- indirizz kif iddikjarat fir-reġistru kummerċjali
- isem tar-rappreżentant(i) awtorizzat(i) (kif ippubblikat)
- numru tal-VAT
- l-iktar estratt reċenti u aġġornat mir-reġistru kummerċjali
- l-iktar statut ta' assoċjazzjoni reċenti (ikkoordinat)

2.1.2. Inti tiċċertifika li għandek qagħda finanzjarja tajba, billi tipprovdi:

- ħlas sħiħ tal-ammont rispettiv (ħlas minn qabel)


SAMPLE

- kontijiet finanzjarji tas-sena (jew snin) fiskali preċedenti (għal entitajiet eżistenti biss)
- garanzija ta' assikurazzjoni ta' responsabbiltà kummerċjali

2.1.3. Inti għandek u żżomm is-sit elettroniku tiegħek operazzjonali mill-inqas b'lingwa waħda uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, li tinkludi mill-inqas:

- id-dettalji ta' identifikazzjoni kompleti tiegħek (bħall-isem uffiċjali tal-kumpanija, il-forma legali, in-numru ta' reġistrazzjoni, l-indirizz, in-numru tat-telefon, l-indirizz tal-posta elettronika u s-sit elettroniku)
- informazzjoni ċara dwar is-servizzi u l-prezz li toffri
- verifika tad-disponibbiltà tad-dominju jew ħolqa għal https://whois.eurid.eu.

2.1.4 Inti tipprovdi appoġġ xieraq lill-konsumaturi lir-Reġistranti permezz tat-telefon, il-posta elettronika, iċ-chat jew mod ieħor mill-inqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kif indikati fis-sit web tiegħek jew materjali oħra rilevanti tan-negozju.

2.1.5. Inti tiggarantixxi li tagħmel disponibbli r-Regoli tagħna lir-Reġistranti u li dawn ikollhom jaċċettaw ir-Regoli tagħna.

2.1.6. Għandek il-kompetenza teknika biex timplimenta u tappoġġja l-isem ta' dominju Servizzi ta' Reġistrazzjoni b'mod professjonali.

2.1.7. Bħala parti mill-Proċess ta' Akkreditazzjoni tiegħek, għandek tagħmel ħlas bil-quddiem ta' mill-inqas 2500 EUR (elfejn u ħames mitt Euro), li jeskludi kwalunkwe miżati bankarji jew ta' trasferiment.

2.1.8. Inti reġistratur attiv, i.e.

(i) għandek ikollok tranżazzjonijiet pagabbli ta' mill-inqas 500 EUR kull sena. Jekk dan l-ammont minimu ta' 500 EUR ma jintlaħaqx, il-bilanċ tiegħu jiġi ffatturat *pro rata* (reġistraturi akkreditati ġodda huma eżentati fl-ewwel sena ta' akkreditazzjoni); u (ii) għandek tidħol fuq il-pjattaforma https://registru.eu mill-inqas darba f'sena biex tivverifika li d-dettalji ta' kuntatt tiegħek għadhom korretti u aġġornati. Jekk ma humiex, inti għandek tinformana immedjatament biex jiġu aġġornati.

2.1.9. Jekk l-applikazzjoni tiegħek għall-Akkreditazzjoni tiġi miċħuda, aħna nosservaw perjodu cool-down ta' mill-inqas sena (1) qabel ma nippermettu l-applikazzjoni l-ġdida tiegħek.

Matul il-perjodu ta' dan il-Ftehim, aħna għandna d-dritt li nivverifikaw fi kwalunkwe ħin jekk inti għadekx tissodisfa dawn il-kriterji.

## 2.2 Id-drittijiet tiegħek bħala Reġistratur Akkreditat

2.2.1. Bħala Reġistratur Akkreditat inti għandek id-dritt mhux esklussiv li toffri Servizzi ta' Reġistrazzjoni lil Reġistranti skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim ma jagħtik l-ebda dritt, setgħa jew awtorità biex topera jew timmaniġġja r-Reġistru.

2.2.2. Mar-Reġistrazzjoni tiegħek jew it-tiġdid tal-Isem ta' Dominju, aħna nirreġistraw u nagħtu lid-Detentur tal-Isem ta' Dominju d-dritt li juża tali Isem ta' Dominju. Id-dritt li tuża l-Isem ta' Dominju jingħata biss jekk ir-Reġistrazzjoni tikkonforma mar-Regoli

2.2.3. Bħala Reġistratur Akkreditat ser tingħata kont fuq https://registry.eu, pjattaforma tar-reġistraturi li tista' tuża skont it-Taqsima 5.2.

2.2.4. Bħala Reġistratur Akkreditat tista' tuża t-terminu "Reġistratur Akkreditat tal-EURid" u l-logo li jakkumpanjah biss matul il-perjodu ta' dan il-Ftehim suġġett għall-istruzzjonijiet tagħna u l-linji gwida kif ippubblikati fuq https://registry.eu.

## 2.3 L-obbligi tiegħek bħala Reġistratur Akkreditat

2.3.1 Inti għandek tiżgura u tiddokumenta li kull Reġistrant li għalih tirreġistra Isem ta' Dominju aċċetta r-Regoli fis-seħħ meta tkun saret ir-Reġistrazzjoni u jikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fir-Regoli, inkluż iżda mhux limitat għall-konferma mir-Reġistrant li, sa fejn jaf hu, it-talba għar-Reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju saret b'rieda tajba u ma tiksirx il-jeddijiet ta' xi parti terza; u li r-Reġistrant jissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità kif definiti fir-Regoli.

2.3.2 Mal-ewwel talba tagħna u mingħajr dewmien mhux ġustifikat, inti għandek tipprovdilna d-dokumenti li juru li r-Reġistrant jaċċetta, u jikkonforma, mar-Regoli.

2.3.3 Inti m'għandekx tirreġistra Ismijiet ta' Dominju mingħajr ma tingħata istruzzjoni speċifika biex tagħmel dan mir-Reġistrant. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, tista' tirreġistra numru limitat ta' Ismijiet ta' Dominju għall-użu tiegħek stess biss mingħajr ma tingħata istruzzjoni speċifika biex tagħmel dan minn Reġistrant. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, Ismijiet ta' Dominju rreġistrati b'data ta' reġistrazzjoni li huma sostanzjalment simili jew li jkunu marbuta miegħek (eż. ikollhom l-istess numru tat-telefon, indirizz tal-posta elettronika jew persuna ta' kuntatt), ma jitqisux irreġistrati fuq istruzzjoni tar-Reġistrant.

2.3.4 Għandek tiżgura li d-data ta' reġistrazzjoni marbuta ma' Isem ta' Dominju sottomess lilna hija korretta, kompleta u aġġornata f'kull ħin u li tali data hija d-data tar-Reġistrant u mhux id-data tiegħek stess. L-indirizz tal-posta elettronika sottomess fl-informazzjoni ta' kuntatt tar-Reġistrant għandu jkun dak tar-Reġistrant biss u mhux tiegħek, sakemm ma tistax turi li r-Reġistrant espressament talab mod ieħor.

2.3.5 Għandek tinforma fil-ħin lil kull Reġistrant bl-informazzjoni kollha rilevanti u/jew li tista' tinfluwenza r-relazzjoni bejnna u bejn ir-Reġistrant. Aħna nirriżervaw id-dritt li nikkuntattjaw lir-Reġistrant fi kwalunkwe ħin biex niżguraw li huwa jirċievi l-informazzjoni rilevanti kollha.

2.3.6 Għandek tassigura li t-terminu ta' Reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju, kif kuntrattwalment miftiehem mar-Reġistrant, dejjem jikkorrispondi mat-terminu awtorevoli ta' Reġistrazzjoni muri fid-database tar-reġistrazzjoni u l-WHOIS ibbażat fuq il-web.

2.3.7 Għandek tassisti u tipprovdi l-kooperazzjoni sħiħa tiegħek lir-Reġistrant u lilna fir-rigward tas-Servizzi ta' Reġistrazzjoni.

2.3.8 Għandek tadotta miżuri adegwati biex jiġu evitati Reġistrazzjonijiet spekulattivi u abbużivi.

2.3.9 Għandek tosserva r-Regoli u m'għandekx tikkoopera, direttament jew indirettament, ma' xi parti li tikser ir-Regoli, jew li tinstiga tali ksur. Għandek tinformana dwar kwalunkwe abbuż ta' dan it-tip fil-pront.

2.3.10 Jekk tinvolvi lil kwalunkwe terz fis-Servizzi ta' Reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju tiegħek, inti tibqa' responsabbli bis-sħiħ għal tali terz u għandek tassigura li tali terz f'kull ħin josserva l-obbligi stabbiliti f'dan il-Ftehim.

2.3.11 Għandek tinformana bi kwalunkwe bidla kbira fl-istruttura legali jew fil-pussess tal-organizzazzjoni tiegħek.

SAMPLE

2.3.12 Għandek iżżomm id-dettalji ta’ kuntatt tiegħek fuq is-sit elettroniku tiegħek u fuq il-pjattaforma tagħna, korretti, kompleti u aġġornati, biex inkunu nistgħu nikkuntattjawk f’kull ħin.

# 3 IR-RWOL TIEGĦEK BĦALA PROĊESSUR

Aħna, bħala Kontrollur, hawnhekk naħtruk bħala Proċessur bil-kompitu li tipproċessa ċerti kategoriji ta’ Data Personali ta’ Reġistranti. F’dan il-kuntest, inti għandek tipproċessa tali Data Personali unikament għall-finijiet tat-twettiq tas-Servizzi ta’ Reġistrazzjoni f’isem u skont l-istruzzjonijiet tagħna. Biex jiġi evitat kull dubju, xejn f’dan il-Ftehim ma jwaqqfek milli twettaq l-Ipproċessar Meħtieġ tar-Reġistratur skont il-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-Data. Iktar informazzjoni dwar ir-rwoli u l-obbligi rispettivi tagħna hija disponibbli fuq https://registry.eu.

Fir-rigward tas-Servizzi ta’ Reġistrazzjoni u l-attivitajiet ta’ Pproċessar li inti responsabbli għalihom bħala Proċessur f’isimna, inti għandek:

- iżżomm politika ta’ privatezza ċara, konformi mal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-Data, u tgħarraf lil kull Reġistrant dwar dan;
- tinforma lil kull Reġistrant li d-Data Personali meħtieġa għall-għoti ta’ Servizzi ta’ Reġistrazzjoni tiġi żvelata lilna bħala Kontrollur, u tirreferi għall-Politika ta’ Privatezza tagħna fuq is-sit elettroniku tagħna biex tinforma lir-Reġistrant dwar kif nipproċessaw id-Data Personali kollha li nirċievu;
- tinformana fi żmien 48 siegħa wara li ssir taf bi Ksur ta’ Data Personali, u tassistina bin-notifiki ta’ ksur tad-data fir-rigward tad-Data Personali miġbura għas-Servizzi ta’ Reġistrazzjoni deskritti f’dan il-Ftehim, fit-twettiq ta’ kwalunkwe valutazzjonijiet tal-impatt tal-protezzjoni tad-data, u konsultazzjonijiet minn qabel mal-awtoritajiet superviżorji li aħna obbligati nagħmlu, filwaqt li titqies l-informazzjoni disponibbli;
- tinformana u tassistina bis-sħiħ, fil-pront u mingħajr dewmien mhux ġustifikat, fit-talbiet tar-Reġistranti li jeżerċitaw il-jeddijiet individwali tagħhom (bħall-jedd għal aċċess, il-jedd għal rettifika, tħassir, restrizzjoni tal-ipproċessar, il-jedd għal portabilità tad-data, jew il-jedd li joġġezzjonaw għall-ipproċessar tad-Data Personali tagħhom), jew kull talba, ilment jew komunikazzjoni oħra marbuta mal-obbligi tagħna skont il-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-Data;
- toħloq u żżomm dokumentazzjoni dwar l-attivitajiet ta’ Pproċessar tiegħek f’isimna, id-dettalji tal-Proċessur (inti) u tal-Kontrollur (aħna), it-trasferimenti ta’ Data Personali jekk applikabbli, u deskrizzjoni tal-miżuri tekniċi u organizzattivi li adottajt;
- tikkoopera bis-sħiħ u tagħmel disponibbli għalina, fuq talba tagħna, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex turi konformità mal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-obbligi taħt dan il-Ftehim;
- timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tipproteġi Data Personali minn Ipproċessar illegali jew mhux awtorizzat u l-miżuri meħtieġa kif meħtieġ mil-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-Data;
- iżżomm id-Data Personali kunfidenzjali għajr mal-impjegati, l-aġenti u s-sottokuntratturi tiegħek, jew rappreżentanti oħra li huma involuti fl-Ipproċessar ta’ Data Personali u li:
    - ġew infurmati dwar in-natura kunfidenzjali tad-Data Personali u l-miżuri ta’ sigurtà meħtieġa;
    - irċevew taħriġ xieraq fir-rigward tal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-Data;
    - huma suġġetti għall-awtentifikazzjoni tal-utent u l-proċessi ta’ reġistrazzjoni meta jaċċessaw id-Data Personali; u huma suġġetti għal obbligi kuntrattwali ta’ kunfidenzjalità u protezzjoni tad-data.
    - tillimita l-aċċess għad-Data Personali unikament għal dawk il-persuni li għandhom bżonn ikunu mgħarrfa biex jgħinuk twettaq l-attivitajiet ta’ Pproċessar f’isimna.

- Fuq talba, tipprovdilna rapport għas-sena kalendarja li għaddiet dwar: a) l-Attivitajiet ta' Pproċessar tiegħek; b) il-logs relatati mal-aċċess għad-Data Personali; u c) Ksur ta' Data Personali.

Dan t'hawn fuq ma jilliberakx milli tikkonforma mal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-Data fir-rigward tal-attivitajiet tal-Ipproċessar Meħtieġ tar-Reġistratur.

Jekk m'intix (jew ma tibqax) stabbilit/a fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew f'pajjiż li huwa meqjus mill-Kummissjoni Ewropea li jipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni tad-Data Personali skont il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-data, inti għandek timplimenta kwalunkwe u kull miżura meħtieġa biex jippermettu it-trasferiment skont il-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-Data.

# 4 MIŻATI U ĦLAS

Bħala parti mill-Proċess ta' Akkreditazzjoni tiegħek, inti għandek tagħmel ħlas bil-quddiem ta' mill-inqas 2500 EUR (elfejn u ħames mitt Euro), li jeskludi kwalunkwe miżati bankarji jew ta' trasferiment.

Għandek tħallas il-miżata applikabbli għat-tranżazzjonijiet pagabbli kollha għal kull Isem ta' Dominju f'isem kwalunkwe Reġistrant. Tali tranżazzjonijiet pagabbli jinkludu iżda ma humiex limitati għar-Reġistrazzjoni, it-tiġdid, l-estensjoni tal-perjodu, l-attivazzjoni mill-ġdid, ir-registry lock u t-trasferiment (fi kwantità) ta' Ismijiet ta' Dominju u huma elenkati fuq is-sit elettroniku tagħna.

Aħna nirriżervaw id-dritt li nemendaw il-miżati għal tranżazzjonijiet pagabbli f'kull ħin billi ninfurmawk permezz tal-indirizz tal-posta elettronika li tajtna mhux aktar minn tletin (30) jum qabel ma l-miżati emendati jidħlu fis-seħħ. M'aħniex responsabbli li nħallsu xi interessi lilek fir-rigward tal-ħlas bil-quddiem.

Aħna noħorġu fatturi ta' kull xahar u nnaqqsu t-tranżazzjonijiet pagabbli għal kull Isem ta' Dominju minn dan l-ammont. Ismijiet ta' Dominju li ma jitħassrux qabel id-data ta' skadenza jiġu awtomatikament imġedda u l-miżati korrispondenti jitnaqqsu awtomatikament mill-kont tiegħek.

F'każ ta' trasferiment ta' Isem ta' Dominju, il-miżata applikabbli għat-tali trasferiment se titnaqqas awtomatikament mill-kont tar-Reġistratur li jitlob it-trasferiment malli t-trasferiment isir effettiv. Aħna ma nagħtu rifużjoni tal-ebda miżata mħallsa mir-Reġistratur li jkun qed jittrasferixxi, la kollha u lanqas parti minnha.

Inti għandek tħallas il-fatturi tagħna fi żmien tletin (30) jum mid-data tal-fattura. Aħna napplikaw penali u interessi għal ħlasijiet tard mingħajr avviż. Il-penali huma kkalkulati bħala 10% tal-ammont dovut (b'minimu ta' 250 EUR) u l-ammont dovut iġorr interessi b'rata ta' 1% fix-xahar ikkalkulat għal kull xahar li jkun beda. Dan ma jaffettwax rimedji oħra f'dan il-Ftehim.

Ladarba tkun Reġistratur Akkreditat għal mill-inqas sentejn (2) konsekuttivi, tista' tagħmel mandat ta' debitu dirett taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA), sakemm ikollok kont bankarju Ewropew u tkun irreġistrajt fis-SEPA. Mal-iffirmar ta' mandat tas-SEPA, aħna niddebitaw mill-kont bankarju tiegħek l-ammont stabbilit fil-fatturi ta' kull xahar għal tranżazzjonijiet pagabbli u nnaqqsu minn kwalunkwe fattura futura l-bilanċ fuq kwalunkwe ammont imħallas minn qabel li jkun għadu disponibbli fuq il-kont tiegħek wara li dan il-mandat jidħol fis-seħħ.

Il-miżati u l-ħlasijiet kollha huma f'EUR; inti ġġorr kull u kwalunkwe riskji assoċjati mal-iskambju jew il-varjazzjonijiet tal-munita assoċjati mas-Servizzi ta' Reġistrazzjoni.

# 5 DISPOŻIZZJONIJIET TEKNIĊI

## 5.1 Il-Proċedura ta' Reġistrazzjoni

Il-proċedura ta' Reġistrazzjoni hija awtomatizzata kompletament, u inti għandek timxi mal-proċeduri tas-Servizzi ta' Reġistrazzjoni żviluppati minna. Dawn il-proċeduri huma dettaljati aktar fuq https://registry.eu.

Aħna nirriżervaw id-dritt li nemendaw il-proċedura ta' Reġistrazzjoni f'kull ħin billi ninfurmawk permezz ta' posta elettronika mhux aktar tard minn tletin (30) jum qabel ma l-proċedura ta' Reġistrazzjoni emendata ssir effettiva, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor minħabba tibdil regolatorju, stabbiltà teknika, rekwiżiti ta' sigurtà jew interventi urġenti. Fl-istess ħin, nipprovdulek kwalunkwe informazzjoni teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa tiegħek tagħhom.

## 5.2 Aċċess għal u użu tas-sistemi tagħna

Inti għandek taċċessa u tuża s-sistemi tagħna in *bona fede* u b'tali mod li jikkonforma, kemm funzjonalment kif ukoll teknikament, mal-manwali tal-utent tagħna ppubblikati fuq https://registry.eu jew magħmula disponibbli għalik bi kwalunkwe mezz ieħor. M'għandekx tgħabbi n-network tagħna żżejjed jew tfixkilna milli nipprovdu s-servizzi tagħna. M'għandekx taġixxi b'xi mod li jista' jkun ta' theddida għall-istabbiltà tas-sistemi tagħna jew tal-Internet.

Inti għandek tinformana minnufih jekk issir taf b'xi funzjonament ħażin jew kompromess tas-sistemi tekniċi tagħna, u tagħtina kwalunkwe materjal ta' appoġġ li jista' jgħinna fid-dijanjożi u, jekk ikun xieraq, jgħinna nikkoreġu jew intejbu tali ħsara teknika. Kwalunkwe ħsara bħal din titqies bħala informazzjoni kunfidenzjali u m'għandhiex tiġi żvelata pubblikament mingħajr il-kunsens bil-miktub tagħna minn qabel.

# 6 TRASFERIMENT

Inti tirrikonoxxi li r-Reġistrant għandu d-dritt li jittrasferixxi l-Isem ta' Dominju lil Reġistrant ġdid u/jew lil Reġistratur Akkreditat ieħor skont ir-Regoli. Billi ssegwi l-proċeduri stabbiliti fir-Regoli, inti tirrikonoxxi u tiggarantixxi l-validità tat-trasferiment tal-Isem ta' Dominju. Inti għandek tikkoopera mal-partijiet involuti kollha matul il-fażijiet varji tal-proċess ta' trasferiment.

Jekk inti ma tikkonformax ma' dawn l-obbligi, aħna nirriżervaw id-dritt li nwettqu t-trasferiment u ma nistgħux ninżammu responsabbli f'każ li nagħmlu dan.

# 7 PERJODU U TERMINAZZJONI

Dan il-Ftehim huwa effettiv sa mill-konklużjoni b'suċċess tal-Proċess ta' Akkreditazzjoni tiegħek jew sa mit-13 ta' Ottubru 2022, skont liema jseħħ l-aħħar, u huwa konkluż għal perjodu ta' sena (1).

Fl-aħħar ta' dan it-terminu inizjali ta' sena (1), dan il-Ftehim jiġi awtomatikament estiż għal termini konsekuttivi ta' sena (1), sakemm xi waħda mill-partijiet ma tinformax lill-parti l-oħra bil-miktub li ma tridx testendi dan il-Ftehim bi tliet (3) xhur ta' notifika, jew sakemm ma jiġi itterminat kif stabbilit hawn taħt.

## 7.1 Terminazzjoni tal-mandat tagħna

Dan il-Ftehim jintemm minnufih jekk, għal kwalunkwe raġuni, ma nkunux aktar f'pożizzjoni li nirreġistraw Ismijiet ta' Dominju. Aħna niċħdu kull responsabbiltà għal danni li jirriżultaw minn tali terminazzjoni sakemm it-terminazzjoni ma tkunx seħħet minħabba negliġeza serja jew frodi min-naħa tagħna.

Ladarba nsiru nafu dwar xi terminazzjoni futura tal-mandat tagħna, aħna nagħmlu mill-aħjar tagħna biex niffaċilitaw il-kontinwazzjoni jew it-trasferiment ta' dan il-Ftehim fid-data tat-terminazzjoni jew qabel u biex niksbu perjodu ta' notifika qabel it-tmiem tal-mandat tagħna.

## 7.2 Ksur tal-kuntratt

Jekk tikser xi termini ta' dan il-Ftehim, aħna ninfurmawk permezz ta' posta elettronika u/jew permezz ta' ittra reġistrata biex inħeġġuk twaqqaf tali ksur.

Jekk tali ksur ma jiġix irrimedjat fil-perjodu mogħti minna, aħna nirriżervaw id-dritt li nissospendu jew nitterminaw dan il-Ftehim jew li nimponu sanzjoni inqas severa mingħajr avviż ieħor u bla ebda kumpens dovut.

## 7.3 Terminazzjoni immedjata

Dan il-Ftehim jista' jintemm minnufih minna mat-twettiq ta' kwalunkwe mill-avvenimenti segwenti:

- Jekk ikun hemm theddida immedjata għall-operazzjonijiet tan-negozju tagħna bħala riżultat tal-azzjonijiet jew l-omissjonijiet tiegħek;
- Jekk is-sigurtà jew il-prestazzjoni xierqa tas-sistemi tagħna tiġi ppreġudikata bħala riżultat tal-azzjonijiet jew l-omissjonijiet tiegħek.

## 7.4 Falliment jew likwidazzjoni

Dan il-Ftehim jintemm minnufih mingħajr ma jkun dovut ebda kumpens jekk tfalli, jekk tapplika għall-kompożizzjoni ġudizzjarja, jew f'każ ta' likwidazzjoni tan-negozju tiegħek.



SAMPLE

# 8 KONSEGWENZI TA’ TERMINAZZJONI

Mat-terminazzjoni ta’ dan il-Ftehim, inti tħallas immedjatament kwalunkwe miżati pendenti li kienu dovuti qabel it-terminazzjoni u l-kont tar-Reġistratur tiegħek jintemm. L-Ismijiet ta’ Dominju kollha fil-portafoll tiegħek jiġu ttrasferiti lil Reġistratur Akkreditat wieħed jew aktar. Jekk ikun applikabbli, aħna nroddulek lura kwalunkwe bilanċ li jifdal fil-kont tiegħek.

Mat-terminazzjoni ta’ dan il-Ftehim, inti għandek tirritorna u/jew tħassar u/jew tanonimizza d-Data Personali (kemm dik primarja kif ukoll backup) ipproċessata bħala parti mis-Servizzi ta’ Reġistrazzjoni taħt dan il-Ftehim, sakemm il-liġi tal-UE jew ta’ Stat Membru tal-UE ma tkunx teħtieġ il-ħażna ta’ Data Personali, mingħajr preġudizzju għall-jeddijiet u l-obbligi tiegħek stess fir-rigward tad-Data Personali koperta mill-Ipproċessar Meħtieġ tar-Reġistratur. Għandek tiċċertifika li għamilt dan fi żmien xahar (1) mit-terminazzjoni ta’ dan il-Ftehim. Il-klawżoli li jirregolaw l-Ipproċessar ta’ Data Personali jibqgħu jeżistu wara t-terminazzjoni ta’ dan il-Ftehim u jibqgħu fis-seħħ sakemm id-Data Personali kollha pproċessata unikament f’isimna taħt dan il-Ftehim tkun ġiet irritornata u/jew imħassra u/jew anonimmizzata.

Mat-terminazzjoni ta’ dan il-Ftehim, inti għandek twaqqaf l-użu tat-terminu Reġistratur Akkreditat tal-EURid, tal-isem tagħna u tal-logo(s) tagħna.

# 9 ASSENJAZZJONI TA’ JEDDIJIET U ATTIVITAJIET TA’ SOTTOPPROĊESSAR

Ma tistax tassenja l-jeddijiet u l-obbligi tiegħek taħt dan il-Ftehim lil Reġistratur Akkreditat ieħor mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tagħna.

Tista’ tawtorizza lil parti terza biex tissottokuntratta xi waħda mill-attivitajiet ta’ Pproċessar meħtieġa għas-Servizzi ta’ Reġistrazzjoni skont dan il-Ftehim, sakemm inti tinformana bil-miktub minn qabel. Is-sottoproċessur huwa suġġett għall-istess rekwiżiti kuntrattwali ta’ protezzjoni tad-data rilevanti għall-attivitajiet ta’ pproċessar ta’ Data Personali bħal dawk applikabbli għalik taħt dan il-Ftehim, u inti tibqa’ kompletament responsabbli għal kwalunkwe nuqqas tas-sottoproċessur tiegħek.

# 10 INDEMNIFIKAZZJONI

Inti tindennizzana kontra kwalunkwe pretensjoni għal danni fi jew barra mill-qorti magħmula minn Reġistranti jew partijiet terzi kontra tagħna għall-prodotti u s-servizzi offruti, inklużi iżda mhux limitati għal pretensjonijiet relatati mal-ksur ta’ dan il-Ftehim min-naħa tiegħek; pretensjonijiet relatati mas-Servizzi ta’ Reġistrazzjoni; pretensjonijiet relatati mat-terminazzjoni tal-mandat tagħna, pretensjonijiet ta’ partijiet terzi għal drittijiet fuq Isem ta’ Dominju; pretensjonijiet relatati ma’ difetti jew nuqqasijiet tekniċi; u pretensjonijiet minħabba ksur tal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-Data attribwit lilek jew lil kwalunkwe wieħed mis-sottoproċessuri tiegħek fil-kuntest ta’ dan il-Ftehim.

# 11 LIMITAZZJONI TAR-RESPONSABBILTÀ

Fi kwalunkwe każ, ir-responsabbiltà tagħna għad-danni hija limitata għall-ammont tal-miżata ta' Reġistrazzjoni li tapplika fil-mument li t-tilwima titqajjem magħna. Inti taqbel li ebda danni ikbar jew oħra ma jistgħu jintalbu mingħandna.

# 12 MIXXELLANJI

Dan il-Ftehim huwa suġġett għal-liġi Belġjana. Kull tilwim relatat għandu jkun suġġett għall-ġurisdizzjoni esklussiva tal-qrati ta' Brussell.

Kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim jew għar-Regoli tiġi kkomunikata lilek (permezz tal-indirizz tal-posta elettronika li tajtna) u ssir awtomatikament effettiva tletin (30) jum wara n-notifika. Jekk ma nirċevux iċ-ċaħda tiegħek tat-termini emendati permezz ta' posta elettronika jew ittra rreġistrata fi żmien tletin (30) jum wara tali notifika, inti titqies li aċċettajt it-termini emendati.

Dan il-Ftehim ma jbiddilx l-istatus ta' xi jeddijiet ta' proprjetà intellettwali tal-partijiet ikkonċernati (b'mod partikolari iżda mhux limitat għal dan, it-trasferiment minn kwalunkwe parti tal-pussess jew liċenzji tal-jeddijiet ta' proprjetà intellettwali rispettivi tagħha).

Il-verżjoni bil-lingwa Ingliża ta' dan il-Ftehim hija l-verżjoni awtorevoli f'kull aspett u tipprevali f'każ ta' kwalunkwe inkonsistenzi ma' kwalunkwe verżjoni tradotta.

SAMPLE